# XJENZA MALTA U HERITAGE MALTA JIFFIRMAW FTEHIM BIEX TISSAĦĦAĦ IL-KOLLABORAZZJONI BEJNIETHOM

Heritage Malta

**Stqarrija | 7 ta' Settembru 2024**

Xjenza Malta u Heritage Malta ffirmaw Memorandum ta' Ftehim (MoU) bl-għan li titrawwem aktar kollaborazzjoni bejniethom biex jiżdiedu l-opportunitajiet għal edukazzjoni u karrieri fl-oqsma STEM (ix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika) permezz tal-integrazzjoni ta' kunċetti xjentifiċi ma' narrattivi storiċi.

L-MoU ġie ffirmat minn Silvio Scerri, Kap Eżekuttiv ta' Xjenza Malta, u minn Noel Zammit, Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta. It-termini tal-ftehim jimmiraw li jsir l-aqwa użu mill-ħiliet u kompetenzi uniċi taż-żewġ organizzazzjonijiet, biex jiġu żviluppati programmi edukattivi interattivi, wirjiet, u workshops li jkunu ta' benefiċċju għall-komunità Maltija.

Xjenza Malta, aġenzija tal-gvern li tippromovi l-edukazzjoni u l-karrieri fl-oqsma STEM, topera ċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza, Esplora, li jinsab fl-eks Sptar Navali, il-Kalkara. Permezz tal-kollaborazzjoni tagħha ma' Heritage Malta, li hija wkoll ibbażata fl-eks sptar, hija impenjat ruħha li toħloq 'vjaġġi' storiċi. Il-binjiet ġirien użati miż-żewġ entitajiet jipprovdu opportunità eċċellenti biex jiġu sfruttati elementi storiċi inkomuni misjuba fihom.

Iż-żewġ entitajiet se jikkollaboraw ukoll f'avvenimenti annwali, attivitajiet ta' tmiem il-ġimgħa għall-familji, u esperjenzi kulinari permezz tal-fergħat kummerċjali rispettivi tagħhom, fosthom Taste History ta' Heritage Malta.

Konxji tal-potenzjal għal kollaborazzjoni anke fl-esperjenzi tar-realtà virtwali (VR), bħal permezz tat-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni ta' Heritage Malta permezz ta' DigiArc, flimkien mat-tim edukattiv tal-Esplora, iż-żewġ aġenziji impenjaw ruħhom li jesploraw possibbiltajiet bħal dawn.

Silvio Scerri qal li, "Din il-kollaborazzjoni tirrappreżenta opportunità unika biex l-edukazzjoni STEM tiġi integrata mal-wirt kulturali rikk ta' Malta. Permezz ta' dan il-memorandum ta' ftehim, aħna beħsiebna ngħaqqdu l-ħiliet tagħna biex flimkien noħolqu programmi edukattivi innovattivi li jispiraw il-kurżità u l-esplorazzjoni kemm fix-xjenza kif ukoll fl-istorja."

Min-naħa tiegħu Noel Zammit irrimarka li, "Heritage Malta hija kommessa li tippreserva u tippromovi l-wirt kulturali rikk ta' pajjiżna. Din il-kollaborazzjoni hija pass sinifikanti biex mhux biss nippreservaw l-istorja tagħna iżda wkoll nagħmluha relevanti u aċċessibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri."

Il-ftehim jiddeskrivi wkoll pjanijiet għal skambji u programmi ta' orjentazzjoni għall-ħaddiema taż-żewġ aġenziji, u kollaborazzjoni u appoġġ reċiproku fl-aċċess għall-Fondi Horizon Europe, speċjalment dawk taħt il-kappa tal-kultura, kreattività u soċjetà inklużiva. Il-ftehim huwa validu għal tliet snin, soġġett għal tiġdid.


+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta